# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 70/2023 ISB**

**Edward Grima Baldacchino (K.I. 384167M), Vanessa Frazier (K.I. 322369M) u Gordon Grima Baldacchino (K.I. 322269M) bħala kuraturi għan-nom tal-azzjonista interdetta Maria Grima Baldacchino (K.I. 522845M) tas-soċjeta' Simplex Limited (C-3759)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Edward Grima Baldacchino et**, intavolat fit-3 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jddahhal l-isem tas-socjeta` Simplex Limited (C 3759) fir-registru tal-kumpanniji, b'dana illi l-istess kumpannija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji;*
3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta` Simplex Limited (C 3759) u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dak li kieku l-isem tal-istess socjeta` ma jkunx thassar minn fuq ir-registru;*
4. *Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti naxxenti mill-fatti deskritti fil-qosor f' dan ir-rikors.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi r-rikorrenti Maria Grima Baldacchino hi l-unika azzjonista fil-kumpannija Simplex Limited, kumpannija registrata f'Malta bin-numru C 3759 u li ghandha l-indirizz taghha 137, The Strand, Gzira, Malta;*

2. *Illi permezz ta' digriet numru 26/2021 il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) hatret lill-Edward Grima Baldacchino, Vanessa Frazier u Gordon Grima Baldacchino bhala kuraturi kongunti tal-istess Maria Grima Baldacchino li permezz ta' l-istess digriet giet interdetta (koppja tad-digriet hawn annessa u mmarkata bhala **'Dok A'**);*

3. *Illi f'Marzu 2023 ir-Registratur tal-Kumpanniji bghatt ittra ndirizzata lir-rikorrenti (hawn annessa u mmarkata bhala **'Dok B'**), liema ittra qatt ma giet ghal konjizzjoni tar-rikorrenti stante l-fatt li kif diga premess Maria Grima Baldacchino ma kinitx fi stat li tiehu hsieb affarijiet relatati mal-kumpanija. Filfatt ftit qabel dan iz-zmien Maria Grima Baldacchino kellha tittiehed*

*toqghod band' ohra anke ghaliex ghandha bzonn kura u atttenzjoni kontinwa u ma kienx possibbli li jinghata tali kura fl-indirizz in kwistjoni.*

4. *Illi permezz ta' liema ittra r-Registratur tal-Kumpanniji nfurmat lir-rikorrenti illi li l-kumpanija kienet ilha snin ma tissottometti dokumenti l-istess Registratur tal-Kumpanniji hekk kif inhi mitluba mill-ligi, u tat lill-esponenti xahar zmien sabiex tirrispondi ghal tali ittra u tinfurma lill-istess Registratur tal-Kumpanniji jekk il-kumpanija ghadhix topera jew le, fin-nuqqas ta' liema l-isem tal-kumpanija Simplex Limited kien se jigi mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fi zmien tlett xahar mid-data ta'pubblikazzjoni f'gazzetta lokali;*

5. *Illi tali pubblikazzjoni sehhet fis-27 ta' April 2023 (**Doc C**) u eventwalment l-isem l-istess socjeta' Simplex Limited gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji u l-kumpannija giet iddikjarata bhala defunct b'effett mit-27 ta'Lulju 2023 (l-estratt hawn anness u mmarkat bhala '**Dok D'**);*

6. *Illi r-rikorrenti ghandhom kull interess li l-istess socjeta' terga' titpogga fuq il-lista. Fost l-ohrajn ghandu jinghad li l-kumpannija Simplex hi involuta (direttament jew indirettament) f' diversi kawzi pendenti quddiem dawn il-Qrati fosthom:*

   ***SIMPLEX LIMITED C3579 ET vs LUX LIMITED C3760 ET**; 73/2018 – Qorti tal-Appell Superjuri*

   ***SIMPLEX LIMITED (C3759) ET vs LUX LIMITED (C3760) ET**; 206/2007 – deciza finalment 29/03/2023 a favur tal-kumpannija Simplex Limited izda trid tigi ezegwita s-sentenza.*

7. *Illi inoltre il-kumpannija Simplex Limited hi azzjonista fil-kumpannija **Balda Enterprises limited** li bhalissa tinsab ghaddejja minn proceduri ta' stralc quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

8. *Illi r-rikorrenti mhux talli humi lesti li jipprezentaw id-dokumenti kollha mehtiega sabiex kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni, talli filfatt gia bdew billi pprezentaw l-annual returns u hallsu l-mutli relattivi u dan kif jirrizulta mill-annessi ricevuti mahruga mir-registratur tal-kumpanniji nhar il-5 ta' Ottubru 2023 (**ara Dok.***

*E). Filfatt id-dokumenti l-ohra li huma mehtiega, fosthom il-Form K's necessarji ghall-bdil fir-rappresentanza tal-kumpannija u tal-hatra tad-diretturi gew redatti u jistghu anke, bil-permess tal-Qorti u tar-Registratur ta-Kumpannij, jigu pprezentati fil-mori tal-procedura.*

9. *Illi ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames (5) snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz ghat-thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

10. *Illi in vista tas-suespost, l-esponenti jħossuhom aggravati u ppregudikati, bid-decizjoni tar-Registratur biex jghaddi u jhassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 19).

Rat **id-digriet** tagħha tas-17 ta' Novembru 2023 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fit-28 ta' Diċembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 24) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Simplex Limited (C 3759) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fid-29 ta' Awwissu 1977;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospetti annwali li ssotomettiet il-kumpanija kienu dawk relatati mas-sena 2014 u l-aħħar kontijiet annwali li ġew sottomessi mill-kumpanija mar-Reġistratur kienu dawk tas-sena 2012;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur bagħtet ittra biex tinforma lill-kumpanija li kien hemm bżonn tissottometti id-dokumenti neċessarji, iżda il-kumpanija qatt ma rrispondiet jew issottomettiet dak li kien qed jiġi rikjest lilha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur ipproċediet u kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, '137, The Strand, Gzira, Malta', kif ukoll lid-diretturi tal-kumpanija fuq l-istess indirizz, datati, 22 ta' Marzu 2023;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizz fis-27 ta' April 2023;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' April 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-2 ta' Awwissu 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR 800;***

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali u prospetti annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 8,152;***

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ;*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, deher l-Avukat John Refalo għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Gordon Grima Baldacchino** b'dokumenti annessi (fol 46 sa fol 53). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2024, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikjarat illi l-pendenzi kollha li kellha s-soċjeta' Simplex Limited ġew regolarizzati

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, huma jgħidu li Maria Grima Baldacchino hija l-azzjonista ewlenija tal-kumpanija **Simplex Limited (C 3759)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-27 ta' Lulju 2023.

Jispjegaw li permezz ta' Digriet numru 26/2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Voluntarja) ħatret lir-rikorrenti bħala kuraturi konġunti ta' Maria Grima Baldacchino u li permezz tal-istess digriet hija ġiet interdetta.

Isostnu li f'Marzu 2023, ir-Reġistratur tal-Kumpanija kien bagħat ittra lir-rikorrenti fejn ġew infurmati li l-kumpanija kien ilha snin ma tissottometti r-rapporti u l-kontijiet annwali tagħha, liema ittra ma ġietx a konjizzjoni tal-istess rikorrenti stante li fl-indirizz fejn ġiet mibgħuta ma kien jabita ħadd.

Jispjegaw li s-soċjeta' *de quo* għandha numru ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qrati kif ukoll li hija l-azzjonista ewlenija tas-soċjeta' Balda Enterprises Limited liema kumpanija għaddejja minn proċeduri ta' stralċ quddiem il-Qorti. Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

In sostenn ta' dan ir-rikorrenti ppreżentaw numru ta' dokumenti li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu, **Gordon Grima Baldacchino** jgħid li huwa direttur tas-soċjeta' Simplex Limited. Jispjega li sa ftit snin ilu ommu, Maria Grima Baldacchino, kellha kontroll assolut kif ukoll ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-istess soċjeta' u filfatt l-ishma kollha tas-soċjeta' jappartjenu lilha.

Jispjega li saħħet ommu marret lura u wkoll wassal sabiex ġiet interdetta bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) tal-11 ta' Jannar 2021. Jgħid li l-indirizz reġistrat tal-kumpanija *de quo* huwa dak tar-residenza t'ommu li f'Mejju 2021 ma baqgħetx tgħix fl-istess indirizz minħabba li kellha bżonn kura. Jispjega li għalhekk la hu u lanqas ħutu ma baqgħu jmorru fl-indirizz b'mod regolari u għalhekk ma rawx il-korrispondenza li ntbagħtet mir-Reġistratur intimat.

Jispjega li b'konsegwenza ta' dan, il-kumpanija *de quo* tneħħiet minn fuq ir-Reġistru u huma ndunaw ftit jiem wara li dan kien seħħ u dana minn diskussjoni li kellhom mar-Riċevitur Uffiċjali. Jgħid li malli ntebbħu b'dan ħadu kull azzjoni sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni tagħhom. Jispjega li diġa' hemm ftehim bejnu u bejn ħutu dwar kif il-kumpanija għandha timxi u titmexxa 'l quddiem.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan. Jgħid li din il-Qorti għandha tara li l-posizzjoni tal-Kumpanija tiġi regolarizzata qabel ma tgħaddi għar-ravvivament tal-istess.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

## Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Simplex Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom r-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti hekk għamlu tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Simplex Limited (C 3759)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Simplex Limited (C 3759)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Simplex Limited (C 3759)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey**<br>**Onor. Imħallef** | **Amanda Cassar**<br>**Deputat Reġistratur** |